REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/821

tat-12 ta' Marzu 2019

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jinkludi l-Istat Indipendenti ta' Samoa fl-Anness I

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1076 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 li japplika l-arranġamenti għal prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) previsti fi ftehimiet li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1076 jelenka l-pajjiżi li għalihom japplikaw l-arranġamenti għall-aċċess għas-suq previsti minn dak ir-Regolament.

(2) Fis-6 ta' Diċembru 2018 il-Kunsill, f'isem l-Unjoni, approva l-adeżjoni ta' Samoa fil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim bejn l-Unjoni u l-Istati tal-Paċifiku. Wara li Samoa ddepożitat l-Att tal-Adeżjoni tagħha, il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika interim qiegħed jiġi applikat b'mod proviżorju bejn l-Unjoni u Samoa mill-31 ta' Diċembru 2018.

(3) Għaldaqstant l-Istat Indipendenti ta' Samoa jenħtieġ li jiġi inkluż fl-Anness I,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1076 jiddaħħal dan li ġej wara l-kliem "SAINT VINCENT u l-GRENADINI":

"L-ISTAT INDIPENDENTI TA' SAMOA".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 185, 8.7.2016, p. 1.